MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1967/2000/1

**Victor Portelli**

**vs**

**Mark Psaila**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Settembru 2000 fejn espona: -

Illi l-attur inghata appalt mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta’ eletriku u *plumbing* f’*farmhouse*, in-Naxxar;

Illi saru x-xoghlijiet fil-kwantitajiet kif elenkati fl-*invoice* datat 30 ta’ Dicembru 1998 (Dok A);

Illi l-konvenut huwa kreditur tal-attur tas-somma ta’ elf mitejn u sitta u erbghejn lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85);

Illi minkejja diversi talbiet il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjarah kreditur (recte:debitur) a favur tal-attur tas-somma elf mitejn u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85);

2. Tordna l-hlas tas-somma elf mitejn u sitta erbghejn lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85) lill-attur, *oltre* l-imghax legali.

Bl-ispejjes, inkluz l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Mejju 2000 u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2000 (fol 7).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 18 ta’ Lulju 2001 (fol 19) fejn espona: -

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Victor Portelli datata 2 ta’ Awwissu 2002 (fol 36).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta’ Ottubru 2002 (fol 39) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Avukat Malcolm Mifsud ghall-attur u l-Avukat Dr. Lennart Depasquale ghall-konvenut. L-Avukati tal-partijiet trattaw b’zieda man-noti taghhom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u talbu li tghaddi ghas-sentenza f’dan ir-rigward. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghas-27 ta’ Frar 2003; u l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003; il-verbal tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta:-

***"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek bhala mhix imsejsa sewwa fil-fatt u fil-ligi, bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra tieghu."***

Rat ir-rikors ta' Mark Psaila datat 5 ta' Novembru 2003 a fol 55 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizza z-zieda tal-eccezzjonijiet imsemmija u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Qorti joghgobha timponi; u l-Qorti kif diversament presjeduta rat it-twegiba imressqa mill-attur, u laqghet it-talba ghall-eccezzjonijiet addizzjonali; u dan kif jidher bid-digriet tat-18 ta' Novembru 2003 (fol 56).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Mark Psaila datata l-1 ta' Dicembru 2003 (fol 58) fejn espona: -

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

2. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet tal-attur huma wkoll nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi x-xoghol ma tlestiex u kellhom jitqabbdu terzi sabiex jikkompletawh.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut datata l-1 ta' Dicembru 2003 (fol 60) li permezz taghha ghal kull *buon fini* jiddikjara illi huwa sar jaf bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu nghata l-

fakolta` illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, fit-28 ta' Novembru 2003, *stante* illi dan ma kienx a dispozizzjoni tal-pubbliku fir-Registru tal-Qorti qabel din id-data.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma sa l-ewwel (1) ta' Frar 2005 (fol 210) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Malcolm Mifsud u deher Dr. Lennart Depasquale ghall-konvenut li baghat jgharraf lill-Qorti li ma setax jattendi ghax indispost. Dr. Malcolm Mifsud irrileva illi l-kawza thalliet ghal din is-seduta biex jixhed il-konvenut u dan rega' naqas li jidher minkejja diversi opportunijiet li nghatawlu mill-Qorti biex iressaq il-provi tieghu. L-avukati tal-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwarha ghall-14 ta' April 2005; u l-verbali l-ohra tas-seduti kollha nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif illum hekk presjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' April 2013 quddiem il-Qorti kif illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Inghatat sentenza *in parte* fejn il-Qorti:

*“**Tichad l-ewwel eccezzjoni** ulterjuri tal-konvenut bhala mhux fondata fil-fatt u fil-ligi bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra tieghu; u*

***Tordna** l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu;”* u l-kawza giet differita ghat-13 ta’ Gunju ghal kontinwazzjoni fuq il-mertu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Lennart Deapsquale ghall-konvenut prezenti. Dr Malcolm Mifsud u l-attur msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-Qorti rat il-verbal taghha tat-13 ta’ Gunju 2013 u ddifferixxiet l-kawza *Sine Die.* Aktar tard deher Dr. Malcolm Mifsud ghall-attur li ha konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Rat ir-rikors ta’ Victor Portelli datata 22 ta’ Ottubru 2013 a fol 247 tal-process fejn l-esponenti qal li ghandu interess li l-kawza titkompla u talab lill-Qorti sabiex tappunta l-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet taghha tal-31 ta’ Ottubru 2013 a fol 248 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2014 fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li ma rrizultax mill-process li l-attur ottempera ruhu ma’ dak ordnat fl-ahhar verbal, il-Qorti ddeferixxiet l-kawza *Sine Die.*

Rat ir-rikors ta’ Victor Portelli datata 14 ta’ Marzu 2014 a fol 252 tal-process fejn l-esponenti qal li ghandu interess li l-kawza titkompla u umilment talab lill-Qorti sabiex tappunta data ghas-smigh tal-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet taghha tas-27 ta’ Marzu 2014 a fol 254 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Marzu 2015 fejn meta issejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Malcolm Mifsud li tratta l-kawza. It-trattazzjoni ta’ Dr. Malcolm Mifsud giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti rat li ma sar xejn da parti tal-konvenut sallum sabiex jirregola ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Mejju 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti flimkien ma’ diversi kawzi ohra b'surroga datata nhar it-13 ta' Jannar 2013.

Permezz tac-citazzjoni odjerna, l-attur qed jitlob il-hlas tal- ammont dovut bhala prezz ta' xoghol ta’ *plumbing* u elettriku appaltati lilu mill-konvenut f'razzett in-Naxxar. L-ammont mitlub hu ta' elf, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85), li llum il-gurnata jammontaw ghal elfejn, disa’ mija u erbgha ewro u tmienja u tletin ewro centezmi (€2904.38). Dan jirrizulta minn fattura annessa mac-citazzjoni bhala **Dok.A,** u datata t-30 ta' Dicembru 1998.

Illi in opposizzjoni ghal din it-talba, il-konvenut invoka eccezzjonijiet preliminari konsistenti fil-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kodici Civili ta' Malta. Dawn l-eccezzjonijiet gew

michuda f'zewg sentenzi *in parte,* rispettivament b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-29 ta' Mejju 2003[1] u ta' din l-istess Qorti fit-30 ta' April 2013[2].

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment in linja sussidjarja li x-xoghol ma kienx tlesta u kellhom jitqabbdu terzi biex jikkompletawh.[3]

Il-fatti fil-qosor li jirrizultaw mill-provi huma s-segwenti. Fis-sena 1995 il-konvenut talab lill-attur sabiex jaghmel xoghlijiet ta' *plumbing* u elettriku f'razzett tieghu n-Naxxar fuq stima miftehma bejniethom. L-attur baqa' jahdem fuq il-post sal-bidu tas-sena 1997 meta jghid li l-konvenut waqqfu milli jkompli jaghmel ix-xoghlijiet. Il-konvenut baqa' ma talbux biex ikompli x-xoghljiet u ghalhekk l-attur baghatlu l-kont anness mac-citazzjoni u li tieghu ghadu ma thallasx.

**Provi**

Il-provi f'din il-kawza jikkonsistu fix-xhieda tal-attur kif ukoll affidavit tal-istess attur fuq il-mertu. Il-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova minkejja li l-kawza kienet thalliet ghal dan l-iskop sa mit-30 ta' Gunu 2004.

**Xhieda tal-Attur.**

[1] Fol.41 tal-process.
[2] Fol.238 tal-process.
[3] Fol. 58 u 59 tal-process.

Fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2002 (a fol. 24 tal process) quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, l-attur iddikjara illi l-konvenut kien inkarigah jaghmel xi xoghol ta’ *plumbing* u nstallazzjoni ta’ sistema ta’ dawl. Dan, kemm fuq in-naha ta’ gewwa il-post, kif ukoll fuq barra, f’ razzett ta’ tmienja jew disat ikmamar, li fih kien qed isir xoghol ta’ rikostruzzjoni u tigdid, u liema proprjeta’ tinsab fil-limiti tan- Naxxar. Dan ix-xoghol beda jaghmlu ghal xi April 1995 u baqa’ ghaddej bih sal-bidu ta’ 1997 meta l-konvenut waqfu mix-xoghol u dana peress illi kellhom jahdmu xi haddiema ta’ snajja ohra. Wara din id-data, pero,’ il-konvenut kien gieghlu jaghmel xi xoghol rimedjali, li sar matul is-sena 1997.

Peress li ma nghatax l-awtorizzazzjoni mill-konvenut sabiex ikompli bix-xoghol, l-attur kien imur ifittxu f’hanut li kellu fil-qrib u jsaqsih meta seta jkompli bix-xoghol. Huwa kien dejjem iwiegbu li ghalissa ahjar le. Meta eventwalment dan il-hanut sabu maghluq, baghat il-kont li jinsab esebit a fol 4 - 6 tal-process u li ggib id-data tat-30 ta’ Dicembru 1998 **(Dok A)**.

Xi zmien wara rnexxielu jkellem lil mara ta’ l-attur permezz ta’ telefonata, fejn qalilha li baqa’ ma thallasx ta’ xogholu u hi wegbitu li malli jbieghu l-post ihallsuh. Kien ukoll baghat *reminder* tal-kont u kien ghadda kopja ta’ din ir-*reminder* il- kunjatu tal-konvenut.

Ma kienx gie redatt ftehim bil-miktub bejnjiethom fir-rigward ix-xoghol, pero’ qabel ma beda jahdem kellu lista tax-xoghol li kellu bzonn isir u l-istima tal-prezz ta’ l-appalt, liema lista giet redatta minn mart il-konvenut.

Sussegwentement, **Victor Portelli** pprezenta affidavit,[4] fejn ikkonferma fis-sustanza dak li xehed quddiem il-Qorti. Iddikjara wkoll illi hu kuntrattur

[4] Ezebit a fol.52 tal-process

u jaghmel xoghol ta’ installazzjoni ta’ elettriku u ilma. Iltaqa' fuq il-post mal-konvenut u daru d-dar flimkien sabiex jaraw liema huma x-xoghlijiet li kellhom bzonn isiru. Il-konvenut imbaghad saqsa ghall-istima tax-xoghlijiet u l-attur baghatlu wiehed bix-xoghol li kellu jsir. Wara xi emendi dan gie accettat.

Fir-rigward tal-fattura tat-30 ta’ Dicembru 1998 (**Dok A** ezebita a fol. 4 tal-process) spjega li l-ewwel kolonna tindika ix-xoghlijiet miftehma skont il-kwotazzjoni li giet accettata, t-tieni kolonna turi x-xoghlijiet zejda li l-attur gie inkarigat jaghmel mill-konvenut, u t-tielet kolonna turi x-xoghol li ma sarx skont il-kwotazzjoni.

Itemm jghid li ghad ghandu jiehu s-somma ta’ elf, mitejn, sitta u erbghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85) minn ghand il-konvenut Mark Psaila. Il- konvenut qatt ma offra hlas, u meta l-attur kien jitolbu l-hlas kien jghidlu biex jistenna.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

**Ikkonsirat li** hu pacifiku li mhuwiex mehtieg li ftehim ta' appalt isir bil-miktub biex ikun validu (Art. 1233(1) tal-Kap 16).

Illi huwa principju fondamentali fil-ligi taghna li in materja ta' provi l-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-

ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (**Vol.XLVI.i.5** iccitat fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi"** - A.I.C. (PS) 12 t'April 2007).

**Inoltre** l-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, l-unici provi f'din il-kawza huma dawk forniti mill-attur li kkonferma x-xoghlijiet li saru, l-fattura mibghuta lill-konvenut, u l-fatt li ghadu ma thallasx. Il-konvenut da parti tieghu, minnkejja li l-eccezzjoni ulterjuri tieghu fil-mertu, baqa' ma ressaq l-ebda prova biex isostni d-difiza tieghu.

L-eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li x-xoghol ma tlestiex u kellhom jitqabbdu terzi sabiex jikkompletawh izda baqa' ma ressaqx l-icken prova biex jiddefendi l-posizzjoni tieghu. Proprjament minn qari ta' din l-eccezzjoni jirrizulta li l-konvenut lanqas qed jichad li saru xoghlijiet mill-attur, jew qed jallega li ma sarux skont is-sengha u l-arti, kif lanqas qed jikkontesta li ma hallasx il-prezz tal-fattura. Il-konvenut, minnflok, qed jakkampa fuq allegazzjoni li l-appalt ma giex kompletat u b'konsegwenza kellhom jitqabdu n-nies biex jlestu x-xoghlijiet.

Tali allegazzjoni trid tigi sostnuta bil-provi skont il-Ligi. L-attur stess jghid li ma kkompletax l-appalt imma dan kien ghaliex twaqqaf mill-konvenut sakemm jitlestew xoghlijiet minn snajja ohra. Il-konvenut ma gab l-ebda prova biex jirribatti x-xhieda tal-attur.

Id-difensur tal-attur, fit-trattazzjoni ghamel riferenza ghall-imghaxijiet li huma wkoll mitluba f'din il-kawza. Ix-xoghlijiet spiccaw fis-sena 1997 u l-fattura harget fit-30 ta' Dicembru 1998. Issottometta li l-konvenut seta' jiddepozita l-ammont mitlub fir-Registru sabiex jilqa' ghall-imghaxijiet imma ma ghamel xejn.

Fid-dawl ta' dak kollu premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici bhala ppruvati u gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenut bhala infondati fil-fatt u fid-dritt **tilqa' t-talbiet tal-attur skont dan li gej:**

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur favur tal-attur tas-somma elfejn, disa' mija u erba' ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,904.38) (gja elf mitejn u sitta u erbghajn liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85);

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn, disa' mija u erba' ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,904.38), *oltre* l-imghax legali li jibdew jghoddu mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza fil-25 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------